# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2022**

Appell numru 237/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Roderick GERADA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' Roderick GERADA (detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 33779M) minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija nhar it-28 ta' Ottubru 2020 fejn ġie mixli talli nhar is-7 ta' Ottubru 2009 u fis-seba' xhur ta' qabel:

    (a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess

droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

U aktar talli f’dawn il-Gżejjer fis-7 ta’ Ottubru 2009 u fil-ħames xhur ta’ qabel:

(b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

U aktar talli f’dawn il-Gżejjer fis-6 ta’ Ottubru 2009 u fiż-żminijiet ta’ qabel:-

(ċ) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tal-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

U fl-aħħarnett talli f’dawn il-Gżejjer fis-7 ta’ Ottubru 2009 u fix-xahrejn ta’ qabel:

(d) Mingħajr awtorita’ legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli xtara jew irċieva mingħand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tiegħu, biljetti tal-flus ta’ valuta Euro, meta kien jaf l-istess huma falsifikati, dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta’ Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarju 101.02

sabet lill-imputat appellant GERADA mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ) miġjuba fil-konfront tiegħu u lliberatu minnhom filwaqt illi sabitu ħati tal-imputazzjoniji (b) u kkundannatu għall-piena ta' għoxrin xahar priġunerija effettiva u multa ta' tliet elef u ħames mitt ewro Ewro 3,500 li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali ordnat li setgħu jitħalsu f'rati mensili u konsekutivi ta' Ewro 250 bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi konvertit minnufih fi priġunerija skont il-liġi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni (d) u dan stante t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din l-imputazzjoni tiġi rtirata flimkien mat-talba tal-istess konnessa mal-istess imputazzjoni dwar il-konsenja tal-biljetti tal-flus lill-Bank Ċentrali. Ukoll, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti kkundannat lill-imputat appellant għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert spiżjar Mario Mifsud ammontanti għas-somma ta' Ewro 425.65 l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 198 Arthur Debattista bħala Scene of the Crime Officer ammontanti għas-somma ta' Ewro Ewro 125.07, l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-Scene of the Crime Officer PC 1235 Frederick Brincat ammontanti għas-somma ta' Ewro Ewro 53.59, kif ukoll l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' Ewro 353.34. In oltre, ġie kkundannat ukoll lill-ħati tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert xjenzat Godwin Sammut, fuq talba tad-difiża, fis-somma ta' Ewro 59. B'kollox dawn l-ispejjeż kellhom jitħalsu mill-ħati fiż-żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza. Ai termini tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat ukoll il-konfiska tat-telefon ċellulari mmarkati bħala Dok MB1 u MB2 favur tal-Gvern ta' Malta kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga u tal-oġġetti kollha relatati mad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi GERADA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha

f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni u fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija jew alternattivament tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

(i) Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-esponent instab ħati in bażi ta' provi li l-istess Qorti tal-Maġistrati kienet iddikjarat bħala inammissibbli. Illi jibda sabiex jingħad li l-istqarrija mogħtija mill-esponent fis-7 ta' Ottubru tas-2009 ġiet ġustament iddikjarata bħala inammissibbli mill-Qorti tal-Maġistrati in kwantu ttieħdet mingħajr ma l-esponent kien debitament assistit minn avukat. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li dan ifisser li kwalsiasi prova li temani mill-kontenut ta' din l-istqarrija kellha neċessarjament tiġi skartata. Illi pero' jidher ampjament ċar mis-sentenza appellata li l-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq provi li jirriżultaw esklussivament minn din l-istaqarrija. L-esponent irriproduċa siltiet mis-sentenza hawnhekk. Illi ma hemm xejn univoku fuq l-oġġetti li nstabu fir-residenza u huwa evidenti li sabiex issib ħtija fl-esponent il-Qorti straħet fuq prova li tirriżulta biss mill-istqarrija tiegħu. Illi l-unika prova ammissibbli f'dawn l-atti li għaliha tista' tirreferi l-Qorti hija l-credit card li nstabet f'isem Roderick Gerada. Din il-prova waħidha mhix biżżejjed sabiex jingħad li hemm prova univoka li tipponta f'direzzjoni waħda, dik tal-esponent. Kulma jirriżulta mill-atti li din il-credit card instabet fir-residenza ta' Tarcisio u Doris Darmanin u ma hemm ebda prova - kif qed tassumi l-Qorti – li dawn iż-żewġ persuni huma l-kunjati tal-esponent. U għalhekk kienet żbaljata l-Qorti meta straħet fuq il-prova li qatt ma saret sabiex issaħħaħ it-teżi tagħha dwar il-provi indizzjarji.

(ii) Illi dan ikun ifisser li fid-dawl tal-fatt li ma nstabet ebda sustanza fuq il-persuna jew fir-residenza tal-esponent, il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib il-prova li huwa kien effettivament fil-pussess tad-droga erojina meritu ta' dan il-każ. Għalhekk kellu jiġi lliberat ukoll mill-imputazzjoni ta' pussess aggravat ta' din id-droga;

(iii) Il-Qorti tal-Maġistrati qieset ukoll xi messaġġi ambigwi estrapolati mill-espert Dr. Martin Bajada minn fuq mobile allegatament tal-esponent. Illi ma jirriżulta minn imkien li l-mobile phone li fuqhom instabu dawn il-messaġġi kien tal-esponent. Ir-regoli tal-evidenza qiegħdin hemmhekk sabiex jiġu skrupolożament osservati u mhux sabiex jiġu mwarrba għall-konvenjenza tal-każ altrimenti monk tal-prosekuzzjoni. Ma teżisti ebda prova li dan il-mobile phone ġie elevat minn fuq il-persuna tal-esponent. Mhux talli l-prova li l-mobile phone kien jappartjeni lill-esponent hija mankanti iżda il-messaġġi ma kinux biss indirizzati lil persuna bl-isem ta' Roderick iżda addirittura rriżulta li skont PS 198 Arthur Debattista dan il-mobile phone ġie fotografat fl-preżenza ta' Doris Darmanin u Marion Darmanin u mhux fil-preżenza tal-esponent.

(iv) It-tieni aggravju huwa dwar il-piena. Il-piena erogata hija wisq gravuża tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u prinċipalment tenut kont tal-fatt li llum l-esponent huwa pienament riformat.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

5 Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive**

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

---

**Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

14. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

15. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

17. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

18. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

19. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

20. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

(Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

21. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'
>
> 23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista’ jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m’hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ ‘Al-khawaja vs UK’ jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta’ xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta’ laptop. Terġa’ min għamel irrapport ma joqgħodx f’xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta’ xejn aktar.

22. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t’Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’kawżi ta’ natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.’

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta’ dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista’ jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk

qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

23. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

24. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-

eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. Il-KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

27. Illi nhar is-7 ta' Ottubru 2009, l-Ispettur Victor Aquilina stazzjonat l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, ta struzzjonijiet lill-Pulizija sabiex jeżegwixxu mandat ta' arrest u tfittxija maħruġ mill-Maġistrat Anthony Vella fil-konfront ta' Roderick Gerada. Roderick Gerada

twaqqaf mill-Pulizija filwaqt li kien qiegħed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBF 442 u fil-vettura dak il-ħin kien hemm il-mara tiegħu Fiona Gerada u oħtha Marion Darmanin. Il-Pulizija kellhom mandat ta' tfittxija fir-rigward ta' żewġ residenzi u ċjoe' dik tal-imputat qua appellant GERADA u dik tal-kunjati ta' GERADA li ġġib l-indirizz ta' Sandy Lee, Flat 2, Triq Is-Serkin ġewwa l-Marsa. Fir-residenza tal-appellant ma nstab xejn iżda f'dik tal-kunjati konjuġi Darmanin, fuq il-gwardarobba f'kamra tas-sodda nstabet landa tal-gallettini u ġo fiha kien hemm tlett boroż tal-plastik b'sustanza ta' lewn kannella suspettata droga erojina, miżien elettroniku, boroż tal-plastik, flejjes kontanti u credit card li ġġib l-isem ta' "Roderick Gerada" bi traċċi kannella fuq il-quddiem u l-wara taghha.

28. B'rabta ma' din is-sejba, il-Pulizija żammet arrestati lil konjuġi Gerada u l-familjari tagħhom residenti f'dik ir-residenza fil-Marsa fejn saret din is-sejba iżda mbagħad wara li Roderick GERADA ammetta magħhom li l-uniku wieħed li kellu għarfien ta' dawk l-oġġetti kien hu, il-Pulizija rrilaxxjaw lil kulħadd għajr lilu. Sussegwentement ittieħditlu stqarrija, iżda din ma ttieħditx fil-preżenza tal-Avukat tiegħu u l-Pulizija pproċedew billi resquh quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli fost oħrajn bil-pussess aggravat tad-droga erojina. Huwa ġie sussegwentement misjub ħati tar-reat miġjub fit-tieni imputazzjoni kontra tiegħu – dak tal-pussess kwalifikat tad-droga heroina.

29. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ċara li skartat il-kontenut tal-istqarrija li l-appellant kien irrilaxxja lil Pulizija in kwantu ingħatat mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu kif ukoll skartat kwalunkwe riferenza li saret għal din l-istqarrija mill-Ispettur Victor Aquilina fix-xiehda tiegħu.

**Ikkunsidrat**

30. Illi l-appellant qiegħed jikkontesta s-sejbien tal-ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-imputazzjoni (b) li titratta l-pussess aggravat tad-droga erojina bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

31. Ir-reat ta' pussess aggravat jitqies integrat kemm-il darba jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni **li d-droga tkun instabet f'ċirkostanzi li jindikaw li ma kinitx intiża għall-użu**

**personali tal-akkużat**. U huwa proprju hawnhekk li l-Liġi nostrana tikkuntrasta ma' dik Ingliża li titkellem dwar 'possession with intent to supply' in kwantu sabiex jitqies ippruvat ir-reat ta' pussess aggravat taħt din tal-aħħar jeħtieġ li tiġi ppruvata l-intenzjoni tal-akkużat filwaqt li l-Leġislatur nostran ħalla f'idejn il-ġudikant l-eżerċizzju li jiddeduċi l-intenzjoni tal-akkużat miċ-ċirkostanzi li fihom tkun instabet is-sustanza illeċita.[10]

32. Diffikulta komuni li wieħed jiltaqa' magħha f'dawn il-każijiet hija proprju dik li l-ġudikant ikollu jevalwa bir-reqqa jekk dawk iċ-ċirkostanzi li jsawru s-sejba tad-droga pprojbita jurux lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dik il-kwantita' ta' droga misjuba kinitx intiża biss għall-użu personali tal-akkużat o meno. Il-Qorti tal-Appell Kriminal fil-kawża **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio**, deċiża nhar is-26 ta' Awissu 1998, tgħallem kif ċirkostanza waħda taf tkun biżżejjed skont il-każ. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Ninian Mangion**, deċiża nhar id-9 ta' Marzu 2010, qalet hekk:

> Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. **Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli**.[11] (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).

33. L-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi jeħtieġ li jkunu bażati fuq fatti ppruvati sal-grad rikjest mill-Liġi penali u nieqsa minn kull amibgwita' sabiex b'hekk il-ġudikant ikun jista' jasal għal ġudizzju li huwa 'safe and satisfactory' dwar il-fatt li d-droga misjuba ma kinitx għall-użu esklussiv tal-akkużat u dan anki jekk l-istess ċirkostanzi setgħu **possibilment** iwasslu għal konklużjonijiet oħra.

34. In kwantu għall-kwantita' ta' droga misjuba, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** deċiża nhar it-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset li fejn din tkun fi kwantitajiet kbar, din

---

[10] Ara **Il-Pulizija vs. Stiano Agius** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Ottubru 2018.
[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

iċ-ċirkostanza waħidha tikkostitwixxi prova ta' intenzjoni ta' spaċċ mingħajr il-bżonn ta' evidenza oħra f'dan is-sens, u dan peress li tali kwantita ma tkunx kompatibbli sempliċiment u esklussivament għall-użu personali. Biss, f'dawk il-każijiet fejn il-kwantita' misjuba ma tkunx tant kbira iżda lanqas waħda żgħira li esklussivament tindika li setgħet kienet għal użu personali, ikun jeħtieġ li l-fattur tal-kwantita' jiġi meqjus flimkien ma' ċirkostanzi oħra li fihom tkun instabet id-droga. Indikazzjoni li tali droga ma tkunx esklussivament intiża għal użu personali hija s-sejba ta' parafernalja li takkompanja l-kwantita ta' droga misjba, bħal per eżempju l-fatt li mad-droga, jew qribha jkunu nstabu xi mwieżen elettroniċi ta' preċiżjoni għolja jew kwantita' ta' flejjes kontanti, jew jekk id-droga tkun instabet imqassma fi qratas f'piżijiet ugwali jew simili, jew fejn id-droga tkun imqasma b'ċertu mod li tindika li kienet maħsuba li tiġi mqasma lil terzi persuni.

35. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Lawrence Fabri** deċiż nhar is-27 ta' April 2017, intqal:

> "Issa l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-principju legali tal-pussess aggravat tad-droga billi biex jissussisti dan ir-reat, fil-fehma tieghu, hemm il-htiega li l-ewwel u qabel kollox tigi ippruvata l-intenzjoni ta' l-ispacc u cioe' illi l-pussess tal-awtur tar-reat irid ikun wiehed intiz ghall-ispacc. Dan ma jirrizultax, jikkontendi, mill-atti probatorji.
>
> Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia
>
> …/...

Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.

"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:
• Possession of a quantity inconsistent with personal use.
• Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.
• Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.
• Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.
• Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).
• Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.
• Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.
• Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant lifestyle which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69. 9
• Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case."

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illicit Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article may be inferred **from objective factual circumstances**."

**Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta**.[12] Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita…

36. L-oneru tal-prova jibqa' fuq il-Prosekuzzjoni sabiex turi li d-droga tkun instabet f'ċirkostanzi li jindikaw li ma kinitx fl-użu esklussiv tiegħu. Madanakollu, kif intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassan Trabelsi** deċiż nhar is-17 ta' Frar 1997, jekk il-Prosekuzzjoni jkun irnexxilha tipprova li l-ammont ta' droga mhux wieħed li normalment wieħed jassoċja ma' użu personali, ikun imbagħad jispetta lill-imputat li jipprova fuq bażi ta' probabilita' – u dan in linja mad-dettami tal-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta - li dak l-ammont kien għall-użu esklussiv tiegħu.

37. Dwar l-oneru tal-prova sabiex tirnexxi l-imputazzjoni ta' pussess aggravat, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Stiano Agius** deċiża nhar is-16 ta' Ottubru 2018 għamlet referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Sammut** hekk kif ġie ritenut li:

Illi dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda l-oneru tal- prova, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal- appellant li hija w tibqa' dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni jew bi provi diretti jew bi provi indizjarji li l-pussess tad- droga jkun taht cirkostanzi tali li jindikaw li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat. Pero' "in all fairness" l-Ewwel Qorti ma marritx kontra dan il-principju f' dak li qalet. Di fatti l-Ewwel Qorti ma qalitx dak li jinghid fir-rikors tal-appell u cioe' "li l-akkuzat ma rmexxilux jipprova li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu". Li qalet l-Ewwel Qorti, wara li ccitat diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati biex tipprova tislet xi kriterji li ghandhom iservu ta' gwida lil Qrati biex ikunu jistghu jiddistingwu bejn pussess semplici w pussess aggravat, kien testwalment dan :- "Din il-Qorti hi tal- fehma li l-imputat ma ppruvax id-difiza tieghu fuq bazi ta' probabbilta'." U ziedet tghid : "Din il-Qorti qed tqis li l-ammont ta' droga, l-ammont ta' qratas (ghoxrin) it- tqassim matematiku preciz taghhom u ssejba ta' aktar qratas vojta fil-karozza u ta' erbghin lira Maltiija f' idejn l-imputat, meta dan lanqas kellu job tajjeb jew li jassigura dhul ragonevoli, u li l-flus instabu meta l- imputat kien ghadu kif nefaq somma konsiderevoli l-jum ta' qabel, jammontaw ghal cirkostanzi ta' pussess aggravat.

**F' dan kollu l-Ewwel Qorti kienet qed tghid li meta l- Prosekuzzjoni ppruvat dawn ic-cirkostanzi kollha, hija kienet sodisfatta sal-grad ta' prova li trid il-ligi li kien gie pruvat li l-pussess ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu. Umbaghad qalet ukoll li, wara li ezaminat il-linja difensjonali w l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellant ghal dawk ic-cirkostanzi, l-appellant ma ssodisfahiex lanqas sal-grad tal-probabbli. Dan l-Ewwel Qorti kellha dritt tghidu kif qalitu w ma hemm ebda**

**spropozitu legali jew inversjoni tal-prova la esplicita w lanqas implicita f' dak li qalet.**[13]

38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhilrlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha il-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġa pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:

> Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu se dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ,il-Prosekuzzjoni iddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.

39. L-istess raġunament jirriżulta mill-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Peter Paul Muscat** deċiż nhar is-16 ta' Frar 2021 fejn il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq bħala xhud rappreżentant ta' Transport Malta sabiex jixhed fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura mertu tal-proċeduri in kwistjoni u fejn allura din il-Qorti diversament presjeduta stqarret:

> Din il-Qorti ghalhekk tqis li ghalkemm huwa desiderabbli li l-Prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova fosthom il-prova ta' lil minn tghajjat vettura permezz ta' xhieda ta' rapprezentant ta' Transport Malta, **ma jfissirx li minghajr tali prova, il-prosekuzzjoni ma jkunx irnexxilha tipprova li l-vettura tghajjat lill-appellant.**[14] Ghalhekk gialadarba jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma harkitx

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.
[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

rapprezentant ta' Transport Malta biex jixhed, jehtieg li din il-Qorti tqis jekk permezz tax-xhieda tal-kwerelanti giex ippruvat li l-vettura in kwistjoni kienet tal-appellant.

40. Fl-istess kawża l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet ukoll referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Cutajar** tas-27 ta' Settembru 2012 dwar ir-regola tal-*best evidence* u l-interpretazzjoni tal-istess:

> Il-"best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn is-sub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem, "Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk. **Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu. Ghalhekk jekk il-Prosekuzzjoni jidhrilha illi mill-provi li resqet ghandha bizzejjed biex ikollha kundanna, allura f'dan il-kaz tista tieqaf hemm u ma toqghodx tghabbi lill-Qorti b'pizijied zejda.**[15]

41. Din il-linja ta' interpretazzjoni tirriżulta wkoll mill-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Fenech Omissis,** deċiż nhar il-15 ta' Ottubru 2013, fejn id-Difiża kienet attakkat il-każ tal-Prosekuzzjoni minħabba li din kienet għal xi raġuni naqset milli tressaq bħala prova 'il-letter to prosecute' maħruġa mid-Direttur ta' Transport Malta. Il-Qorti hekk irriteniet:

> Id-difiża ssottomettiet ukoll li f'dan il-każ 'il-best evidence' kienet tkun il-letter to prosecute. Fil-fehma tal-Qorti, dan mhux bilfors huwa korrett. L-ewwelnett ħa naraw kif qed tkun ittrattata din ir-regola li tidher fl-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Fil-Blackstone's Criminal Practice tas-sena 2008 )xord paġina 2285 insibu hekk:
>
> 'The best evidence rule, which was used in the 18th and early 19th centuries as an exclusionary principle, i.e. to prevent the admission of certain evidence where better evidence was available, is now all but defunct.'
>
> U Lord Denning qal hekk dwar din ir-regola:
>
> The old rule, that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow, and that any less good evidence is to be excluded, has gone by the board long ago. The only remaining instance of it is that, if an original document is available on one's hands, one must produce it; that

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.

> one cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight, and not to admissibility.'
>
> Minn dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet jirriżulta li l-best evidence rule kif nafuha ilha li spiċċat. Aħna nibqgħu nippersistu ngħidu l-istess ħaġa qisu qatt ma ċċaqlaq xejn għal tal-anqas dawn l-aħħar 44 sena. Basta ngħidu bħal dak li qalu ta' qabilna.

## Ikkunsidrat

42. Skartata l-istqarrija tal-appellant magħmula nhar is-7 ta' Ottubru 2009, il-każ tal-Prosekuzzjoni jistrieħ primarjament fuq evidenza ċirkostanzjali konsistenti fir-riżultanzi u s-sejbiet tal-Uffiċjali tal-Pulizija b'rabta mal-investigazzjonijiet tagħhom. L-appellant isostni li din l-evidenza ċirkostanzjali ma kienetx univoka u li ma tressqitx l-iktar evidenza sħiħa u kompluta li turi li dik id-droga misjuba kienet rikonduċibbli għall-appellant GERADA. Dawk il-provi ċirkostanzjali ma kienux iwaslu għall-konklużjoni sikuri li kien GERADA li kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina f'ċirkostanzi li jindikaw li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

43. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-banda l-oħra, ħasbitha differenti tant li għaddiet sabiex issib lill-imputat issa appellant ħati ta' din l-imputazzjoni. Fl-ewwel aggravju tal-appellant hija preċiżament din il-konklużjoni li din il-Qorti issa qegħda tiġi mitluba tirrevedi.

44. Trattasi ta' każ bażat prinċipalment fuq evidenza ċirkostanzjali, l-Qorti bilfors trid tistħarreġ l-aspetti kollha li sawru dan il-każ u tqis il-provi kollha, iżjed indiretti milli diretti, fl-assjem tagħhom. Il-Qorti trid tagħmel l-istħarriġ tagħha tal-kwadru probatorju b'mod sħiħ. Huwa dmir il-Prosekutur li jara li kemm jista' jkun iressaq l-aqwa prova possibbli; iżda fin-nuqqas ta' dik l-aqwa prova possibbli ma jfissirx li l-każ jaqa' dment li jkun hemm provi sodi oħra. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri** deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 qalet li:

> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex

in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.

45. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** deċiż nhar it-8 ta' Mejju 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret is-segwenti:

Biex wieħed jistabilixxi jekk l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il- prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.

46. Il-proċeduri quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali huma regolati b' liġi ta' proċedura li minn banda hija waħda ta' applikazzjoni u interpretazzjoni stretta; iżda mill-banda l-oħra din l-applikazzjoni u interpretazzjoni trid tkun tali li mhux biss tkun razzjonali, iżda wkoll raġjonevoli. L-istħarriġ ta' każ bħal dan imur lil hinn mit-*thrillers* t'Agatha Christie, li kienet tgħid li indizju huwa indizju, żewġt indizji huma koinċidenza, iżda tliet indizji jagħmlu prova. Quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, il-provi indizjarji huma importanti, iżda jridu jsegwu regoli speċifiċi biex fuqhom Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tikkunsidrahom bħala prova u li fuqha tkun tista' ssib ħtija f'persuna akkużata.

47. Dawn il-Qrati jirċievu quddiemhom u jiddeċiedu l-kawżi li jkollhom in bażi għall-provi prodotti. Il-provi huma dawk l-istrumenti li bis-saħħa tagħhom parti tkun tista turi l-eżistenza ta' fatt jew ta' ċirkostanza. Allura l-Prosekutur huwa marbut li jippreżenta lil Qorti dawk il-provi li jkunu tajbin biżżejjed juru l-ħtija tal-akkużat għar-reat li bih ikun ġie mixli u dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra l-akkużat għandu d-dritt ukoll li jressaq il-provi tiegħu biex ixejjen l-argument tal-Prosekutur u juri kif huwa estranju għall-fatti li jkunu addebitati lilu. Id-dritt għall-prova fi proċeduri

kriminali jiggarantixxi li quddiem il-Qorti, il-Prosekutur u l-Akkużat ikunu fuq l-istess livell. Igawdu mill-"equality of arms". Iżda l-Liġi penali timponi biss fuq il-Prosekutur il-piż li juri l-ħtija tal-akkużat bi provi li jikkonvinċu lill-ġudikant lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Jekk dan ma jirnexxielux jilħaq dak il-livell ta' konvinċiment morali fil-ġudikant penali, allura l-imputat jew akkużat jiġi meħlus mill-imputazzjonijiet jew l-akkużi li jkunu miġjuba kontrih.

48. L-indizji fihom infushom ma humiex meqjusa immedjatament fuq l-istess livell bħal prova. Filwaqt li l-provi huma fihom infushom tajbin biex juru l-eżistenza ta' fatt jew ċirkostanza li jkun rilevanti għall-akkuża, mill-banda l-oħra l-indizji huma presunzjonijiet, ossija forma ta' raġunament bażat jew fuq xi prinċipji tax-xjenza jew tal-esperjenza tal-ħajja tal-bniedem li minnhom wieħed ikun jista' jiddeduċi xi ċirkostanza li tista' tkun importanti sabiex tiġi determinata l-ħtija jew l-innoċenza tal-akkużat. L-indizju għalhekk huwa forma ta' prova indiretta, jew li ċerti awturi jsejħulha prova kritika, li permezz tagħha jkun jista' jiġi eventwalment stabbilit fatt li jkun inċert, minn fatt li jkun ċert. Allura jekk Titius ra lil Sempronius ħiereġ mid-dar ta' Caius wara li Caius beda jgħajjat li serquh, jista' jingħad li hemm indizju kontra Sempronius li kien hu l-ħalliel peress li nqabad ħiereġ mid-dar ta' Caius ftit wara s-serqa. Iżda dan il-fatt indizjuż ma jistax jitqies – waħdu – bħala prova li Sempronius kien il-ħalliel in kwantu Titius ma rax b'għajnejh lil Sempronius jisraq fid-dar ta' Caius. Dak l-indizju huwa fatt inċert (jekk Sempronius hux il-veru ħalliel) imnissel minn fatt ċert (iġifieri l-fatt li Caius ġie misruq f'daru). Dak il-fatt inċert jassumi l-valur ta' prova meta, magħqud ma fatti ċerti oħra, jagħti stampa iżjed sħiħa dwar dak li jkun ġara – ad eżempju fejn Caius jagħti deskrizzjoni tal-ħalliel li tkun taqbel mal-persuna ta' Sempronius. Hemmhekk ix-xiehda ta' Caius dwar il-fatt tas-sura tal-persuna li serqitu tkun taqbel ma dak il-fatt li ra' Titius b'għajnejh – ossija lil Sempronius ħiereġ mid-dar ta' Caius. Flimkien allura dawn iż-żewġt indizji jibdew jiffurmaw kwadru ta' prova.

49. Biex dawn l-indizji, jew ċirkostanzi jassumu rilevanza penali, huma jridu jsegwu ċerti regoli speċifiċi. Allura jistgħu jinqraw flimkien ma provi diretti u ċerti. Xi drabi jistgħu jkunu importanti daqs provi diretti. Iżda fl-assenza ta' provi diretti, ċari u ċerti, il-provi indizjarji ossija ċirkostanzjali jistgħu ukoll iwaslu għal sejbien ta' ħtija. Biex dan ikun jista' jseħħ, l-indizji jrid ikollhom dawn il-karatteristiċi, iġifieri jridu jkunu:

(a) (Normalment, u għalhekk mhux dejjem, u dipendenti skont in-natura tal-indizju partikolari), iżjed minn indizju wieħed (indizji plurimi),
(b) tali li jipperswadu b'mod konvinċenti u ma jkunux faċilment skreditabbli (indizji gravi),
(c) ma jagħtux lok għal interpretazzjonijiet differenti (indizji preċiżi jew univoċi), u
(d) jaqblu ma xulxin b'mod li jikkonverġu fl-istess direzzjoni (indizji konkordanti).

50. Fi kwalunkwe każ, ladarba l-indizji jkollhom dawn il-karatteristiċi, huma jkunu jistgħu jiġu meqjusa li jakkwistaw l-istatus ta' provi ċirkostanzjali, u fuqhom persuna tkun tista' tiġi misjuba ħatja li wetqet reat kriminali. L-indizji ma jistgħu qatt jitqiesu bħala prova diretta in kwantu jibqgħu dejjem il-frott tad-deduzzjoni u raġonament loġiku li jitnissel mill-qari ta' dawk l-istess ċirkostanzi flimkien. Iżda fl-aħħar mill-aħħar il-ġurisprudenza Maltija taċċetta sejbien ta' ħtija bażat fuq provi ċirkostanzjali li jkunu jissodisfaw dawn il-kriterji u li jgawdu minn dawk il-karatteristiċi imsemmija iżjed il-fuq.

51. F'dan il-każ, l-appellant, isostni li l-provi ċirkostanzjali preżentati ma kienux b'saħħithom biżżejjed. Din il-Qorti tifhem li qed jgħid li ma kienux jissodisfaw dawk il-karatteristiċi b'mod li jakkwistaw valur ta' provi ċirkostanzjali.

52. Iżda din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-indizzji f'dan il-każ ma kienux jirrispettaw dawk il-kriterji u karatteristiċi. Anzi tqis li meta dawn l-indizji jitqiesu lkoll flimkien fl-assjem tagħhom, lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) irriżultatilha stampa probatorja ċirkostanzjali plurima, gravi, univoka u konkordanti b'mod li setgħet issib ħtija, kif fil-fatt għamlet.

53. L-appellant isostni li fl-atti ma hemmx provi li r-residenza fejn instabet id-droga hija dik tal-kunjati tiegħu. Dan mhux minnu. Diversi Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proċeduri ilkoll **stqarrew bil-ġurament tagħhom u bħala stat ta' fatt li** r-residenza fejn instabet id-droga ġewwa l-Marsa, kienet tal-kunjati tal-appellant. Dan huwa frott ta' informazzjoni li kienet irriżultatilhom mill-investigazzjonijiet tagħhom f'dan il-każ.

54. F'paġna 27 tax-xhieda tiegħu l-Ispettur Victor Aquilina jagħmel referenza għar-residenza Sandy Lee, Flat 2 Triq Is-Serkin, il-Marsa,

bħala r-residenza tal-kunjati tal-appellant. Huwa jsemmi wkoll kif il-mandat tal-arrest u tfittxija kien ħareġ mill-Maġistrat tal-Għassa kemm fuq ir-residenza tal-appellant li ġġib l-indirizz ‘Eudor’ Triq Is-Serkin, il-Marsa, kif ukoll fuq ‘ir-residenza tal-kunjata’.

55. PS 1174 Adrian Sciberras f’folio 37 tax-xhieda tiegħu jgħid ‘biss kellna mandat ta’ tfittxija kemm fir-residenza ta’ Roderick Gerada u kemm fir-residenza ta omm Fiona u Marion.’ Mill-provi ġie mistqarr – u mhux konfutat, kontestat jew kontradett – li Fiona Gerada hija mart l-appellant filwaqt li Marion (Darmanin) kienet indikata wkoll bħala oħt Fiona. Din l-istess informazzjoni kkonfermatha wkoll ix-xhud WPC 237 Antonella Vella li flimkien ma’ PS 1174 Adrian Sciberras u PC 1372 Alan Cutajar kienet marret teżegwixxi l-mandat ta’ tfittxija ‘fid-dar tal-kunjata tiegħu’ skont ma xehdet f’foljo 42 tax-xhieda tagħha. Jingħad ukoll li t-tfitxija saret fil-presenza kemm ta’ Marion Darmanin, kif ukoll ta’ Doris Darmanin, ritenuta bħala l-kunjata ta’ GERADA.

56. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellha ebda raġuni għaliex tiddubita mill-informazzjoni li kellha l-Pulizija dwar il-fatt li r-residenza fejn instabet is-sustanza suspettuża iktar ‘il quddiem ikkonfermata bħala droga erojina, kienet dik tal-kunjati tal-appellant. Wara kollox dak l-istat ta’ fatt ġie mistqarr bil-ġurament minn dawk l-Uffiċjali tal-Pulizija fil-kors tad-deposizzjonijiet tagħhom. Verament li l-Prosekuzzjoni setgħet tkompli ssaħħaħ din il-prova tal-Uffiċjali tal-Pulizija bi provi oħra – bħal kopja tar-reġistru elettorali, kopja taċ-ċertifikati taż-żwieġ tal-koppja Darmanin, kopja taċ-ċertifikat tat-twelid ta’ wliedhom Fiona u Marion, kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ bejn Roderick Gerada u Fiona Darmanin, eċċetra. Iżda mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet ukoll temmen l-istqarrija ġuramentata mogħtija mill-Pulizija li xehdu quddiemha dwar dak li huma saru jafu mill-istħarriġ u investigazzjoni tagħhom f’dan il-każ. Dik l-istqarrija ġuramentata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f’dak il-punt akkwistat status ta’ prova ossija ġiet stabbilita l-eżistenza ta’ fatt jew ċirkostanza. Din l-eżistenza ta’ fatt jew ċirkostanza ma kienetx bilfors inattakkabbli. Wara kollox, bħal kull deposizzjoni ta’ xhud ieħor, huwa minnu li mhux kull ma jixhdu l-Pulizija neċessarjament jirrifletti l-verita storika. L-istqarrijiet ġuramentati tal-Pulizija setgħu ukoll ikunu suġġetti għal oġġezzjonijiet jew kontestatijiet mill-imputat.

57. Għalkemm huwa minnu li l-Prosekutur huwa mgħobbi bil-piż li jipprova l-każ tiegħu lil hinn minn kull dubju raġonevoli, ma jfissirx li

l-akkużat ma għandu ebda dmir fi proċedura kriminali. Verament li ma għandu obbligu li jipprova xejn li għandu x'jaqsam mal-allegata ħtija tiegħu u l-anqas ma għandu l-obbligu li jipprova l-innoċenza tiegħu. Iżda jekk il-Prosekuzzjoni tkun resqet prova partikolari – anke jekk setgħet tressaq provi oħra apparti dik il-prova – inkluż provi iżjed speċifiċi – ma jfissirx li dik il-prova li tkun tresqet mill-Prosekuzzjoni ma tkunx tajba u konvinċenti biżżejjed meħuda weħidha. Jekk il-Prosekuzzjoni tkun resqet prova, l-akkużat jista jagħmel sottomissjonijiet biex jipprova jwaqqa dik il-prova, iżda jekk dik il-prova tkun stabbiliet fatt li jkollu ċertu piż, ikun jinkombi fuq l-akkużat biex jiddeċiedi jekk għandux jikkontesta, jikkonfuta jew jikkontradiċi dik il-prova hekk stabbilita, u dan bil-mezzi li għandu għad-disposizzjoni tiegħu u dejjem sal-livell tal-probabbli. Jekk l-akkużat ma jirnexxielux ixejjen dik il-prova sal-grad tal-probabbli, allura ma jfissirx li l-Qorti ma tkunx tista' tieħu konjizzjoni tagħha fil-ġudizzju.

58. F'dan il-każ, l-istqarrijiet dwar fatti speċifiċi – in specie l-fatt li r-residenza Darmanin fejn instabu d-droga u l-parafernalia kienet ir-residenza tal-kunjati tal-appellant kif xehdu diversi aġenti tal-Pulizija setgħu ġew kontestati, kontradetti jew konfutati mill-imputat, li kieku ried. Huwa setgħa ġab provi sal-grad tal-probabbli li dawk l-istqarrijiet ta' fatt ma kienux minnhom jew ma kienux korretti jew preċiżi jew iressaq argumenti li jikkonvinċu sal-grad tal-probabbli li dak allegat mill-Prosekuzzjoni ma kienx minnu jew korrett. U f'dan il-każ ressaq dan l-argument. Iżda l-fatt li ressaq dan l-argument ma jfissirx li dan l-argument kien tali li jikkonvinċi sal-grad tal-probabbli li l-prova mresqa mill-Pulizija mhix veritjiera. Il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma saħħetx il-prova ta' dak li sabu l-Pulizija mill-investigazzjoni tagħhom bi provi oħra ma jfissirx li dik il-prova orali dwar dak li rriżultalhom ma kienetx tajba biżżejjed biex jiġi stabbilit prova ta' fatt li r-residenza Darmanin kienet ir-residenza tal-kunjati tal-appellant.

59. Is-sejba ta' din id-droga f'dan l-indirizz saret in segwitu għal żewġ mandati ta' arrest u tfittxija maħruġa fuq dak l-indirizz (kif ukoll fuq dak tal-appellant) il-wieħed mill-Maġistrat Dr. Antonio Micallef Trigona u l-ieħor mill-Maġistrat Anthony Vella. L-investigazzjoni kienet imxiet fuq il-fatt li kien hemm rabta bejn l-appellant u dawn iż-żewġt fondi. L-għażla ta' dawn iż-żewġ fondi għall-fini tat-tiftix kontra d-droga ma kienetx każwali jew frott ta' kumbinazzjoni iżda kienet imsejsa fuq investigazzjoni li kienu qed jagħmlu l-pulizija. Fil-fatt, din it-tfitxija tat il-frott in kwantu fir-residenza Darmanin instabet id-droga

heroina. Kif innotat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) din instabet f'post li ma kienx estranju għall-imputat appellant.

60. Indizju ieħor jkompli torbot lill-appellant ma' din is-sejba tad-droga hija fil-fatt marbuta mas-sejba ta' karta bankarja intestata f'isem "Roderick Gerada" eżattament fejn kienet maħżuna din id-droga u li wkoll kellha traċċi ta' trab ta' kulur kannella fuqha. Dan il-fatt huwa wkoll importanti li jittieħed in konsiderazzjoni. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha xiehda ta' diversi pulizija li stqarrew bil-ġurament li l-fond fejn instabet id-droga kienet tikkostitwixxi r-residenza tal-kunjati ta' l-imputat appellant, allura imbagħad is-sejba tal-karta bankarja intestata f'persuna li ġġib l-isem "Roderick Gerada" kienet tikkonsolida r-rabta bejn l-appellant – li wkoll jismu "Roderick Gerada" bħal dak l-isem li kien miktub fuq din il-karta bankarja mċapsa bit-trab kannella u l-kumplament tat-trab kannella li nstab.

61. L-argument tal-appellant fejn dan isostni li f'Malta jista' jkun hawn diversi persuni li jisimhom Roderick Gerada kien ikun jagħmel iktar sens f'xenarju kieku din il-karta bankarja kienet instabet f'xi fond li dwaru ma kienx hemm xi prova ta' rabta jew konnessjoni mal-appellant. L-appellant jisħaq li l-Prosekuzzjoni naqset li tistabbilixxi rabta diretta u effettiva bejn dik il-karta bankarja u l-appellant. Huwa jargumenta li l-prova li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib f'dak il-każ kienet dik ta' rappreżentant tal-bank relattiv biex jispjega jekk dik il-karta bankarja inħarġitx minn dak il-bank, u lil min kienet tappartjeni.

62. Iżda in linja mal-ġurisprudenza aktar il-fuq imsemmija, il-fatt li l-Prosekuzzjoni għażlet illi ma ttellax lil dan ix-xhud, ma jrendix il-każ tagħha nieqes minn prova sħiħa u kompluta – **meta l-provi jittieħdu fl-assjem tagħhom iġifieri inkluż iċ-ċirkostanzi kollha** - li dik il-karta bankarja kienet effetivament inħarġet f'isem l-appellant GERADA.

63. Din l-imsemmija karta bankarja instabet imċpasa b'sustanza ta' lewn kannella. Skont ir-relazzjoni tal-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti Mario Mifsud, din kellha fuqha traċċi ta' droga heroina. Din il-karta bankarja maħruġa fuq isem "Roderick Gerada" – isem identiku għal dak tal-appellant, ġiet misjuba fir-residenza ta' Tarcisio u Doris konjuġi Darmanin, li ġew deskritti mill-Pulizija investigattiva bħala l-ġenituri ta' Fiona Gerada u Marion Darmanin – mart u ħatnet l-appellant u fuq din il-karta bankarja instabu traċċi ta' droga erojina fuqha waqt li kienet qalb tliet boroż tal-plastik li fihom instabet f'iktar

minn 181.55 grammi ta' droga erojina b'purita ta' ċirka 32 fil-mija.. Din instabet ukoll fejn kien hemm sikkina li fuqha wkoll instabu xi traċċi ta' droga erojina, pakkett boroż tal-plastik uħud minnhom maħruġin mill-pakkett stess, miżien u madwar tlett elef Ewro fi flus kontanti (foloz).

64. Din il-kwantita ta' droga u l-affarijiet li nstabu magħha huma kollha oġġetti relatati mal-abbuż tad-droga li jmur lil hinn mill-użu personali. Misjuba flimkien dawn l-oġġetti jagħtu b'mod sikur stampa ta' pussess ta' droga li jmur lil hinn minn dak meħtieġ għall-użu esklussiv. Iċ-ċirkostanzi ta' fatt li juru li flimkien mal-181.55 grammi ta' droga erojina b'purita ta' ċirka 32 fil-mija instabet ukoll kwantita' ta' boroż tal-plastik joħolqu presunzjoni ta' fatt li dik il-kwantita' ta' droga misjuba kienet intenzjonata li tiġi mqassma fihom. Iċ-ċirkostanzi ta' fatt l-oħra li flimkien magħhom instab ukoll miżien diġitali, sikkina, u l-karta bankarja mċapsa jkomplu jikkonsolidaw dan il-presunzjoni ta' fatt li dik id-droga ma kienetx biss għall-użu esklussiv ta' min kien jippossjediha. Is-sikkina u l-karta bankarja imċappsin bit-traċċi tal-heroina jixdhu kif dawn kienu jintużaw sabiex id-droga tiġi irfinuta qabel ma' din titqassam fil-boroż : proċess dan li mhux wieħed indikattiv ta' użu personali.

65. Magħquda ma dawn iċ-ċirkostanzi kollha, imbagħad il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha wkoll għad-disposizzjoni tagħha r-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada dwar it-telefon ċellulari Nokia iswed b'IMEI number 354875 02 784907 1 u fuq Nokia Iswed ieħor b'IMEI number 355228 03 940969 1. Dr. Bajada jsemmi li fihom kien hemm messaġġi li kienu indikativi ta' kommunikazzjoni li saret bejn l-appellant u terzi persuni li kienu jikkuntatjawh b'rabta mal-akkwist tad-droga.

66. L-appellant jikkontesta l-fatt li f'dan il-każ PS 1086 u li ħareġ l-irċevuta għal dawn iż-żewġt mobile phones ma ttellgħax jixhed f'dan il-każ. Dan il-fatt huwa minnu. PS 1086 ma xehedx f'dawn il-proċeduri. Iżda mir-relazzjoni teknika (technical report) ta' Dr. Martin Bajada jirriżulta li hemm l-irċevuta li tgħid li fis-7 ta' Ottubru 2009 fil-11:00am "elevat minn fuq il-persuna ta' Roderick Gerada fil-presenza ta' Roderick Gerada minn PS1086". Li PS 1086 kien preżenti f'din l-investigazzjoni jirriżulta wkoll mir-relazzjonijiet ta' diversi esperti li ġew maħtura. Eżempju, f'paġna 72 tar-relazzjoni mħejjija minn PS 198 Arthur Debattista li flimkien ma' PC 1253 Frederick Brincat, kien maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jaċċedi għall-fond bl-indirizz Sandy Lee Flat 2, Triq Is-Serkin il-Marsa

u fost oħrajn, jieħu ritratti ta' dak kollu li kien relevanti għall-każ jirriżulta li PS 1086 kien preżenti fuq il-post. PS 198 Arthur Debattista jsemmi kif sabiex jaqdi l-inkarigu lilu mogħti, huwa aċċeda l-post tal-inċident dakinhar stess għal ħabta tas-13.00 u fost oħrajn iffotografa 'ritratt ta' basket tal-karti u ritratti oħra li jindikaw il-kontenut tiegħu, cioe' diversi oġġetti fosthom **mobiles** u ċwievet, **ilkoll elevati mil membri tal-iskwadra ta' kontra droga'.**[16]

67. Dan kien ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta' PC 1253 Frederick Brincat fejn f'foljo 76 tax-xhieda tiegħu huwa qal hekk:

> ..fejn minn tfittxija li kienet qed issir minn membri tat-taqsima ta' kontra d-droga rriżultaw xi affarijiet suspettati droga u oġġetti relatati.

68. Imbagħad kemm PS1086 kien ukoll preżenti jirriżulta minn fol 80 fejn fir-relazzjoni tiegħu PC1253 jsemmi li minbarra li PS1086 kien fir-residenza Darmanin, kien ukoll dak l-Uffiċjal tal-Pulizija li indikalu l-basket tad-drapp lewn beige bi kliem aħdar fuqu u fejn fih kien hemm il-landa tal-gallettini li fiha kien hemm l-ammont ta' droga heroina misjub f'dan il-każ. Dawn ukoll huma provi li juru li għalkemm PS1086 ma xehdex f'dawn il-proċeduri, dak mistqarr minn Dr. Martin Bajada fir-relazzjoni tiegħu kien jaqbel ma dak li l-esperti l-oħra, inkluż PS198 jgħid fir-relazzjoni tiegħu. Anke din hija evidenza indiretta li ttieħdet in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

69. Indizju ieħor li jitnissel minn dawn il-mobile phones huwa li dawn kienu juru rabta ma persuni li kien jisihom "Rodrick" jew "Fiona". Din ukoll hija ċirkostanza oħra li tkompli torbot lill-appellant ma dan il-każ. Ir-referenza għal 'Rod' u 'Ro' u 'Rodrick' u 'rodrike' kif ukoll għal persuna bl-isem ta' 'Fiona' li wkoll mhux b'koinċidenza jisimha l-istess bħal mara tal-appellant, hija indikattiva tal-fatt li effettivament dawk il-messaġġi li wħud minnhom għandhom kontenut suspettuż kienu indirizzati proprju għal Roderick GERADA, l-imputat appellant. Dawn il-messaġġi li wħud minnhom ġew riportati fis-sentenza appellata, huma tipiċi ta' każijiet fejn ikun involut traffikar ta' droga. Min jikkomunika bil-mobile dwar droga ma joqgħodx jitkellem ċar, minħabba l-biża li jinqabad. Allura l-komunikazzjoni tieħu forma ta' kodiċi fejn minflok issir riferenza għad-droga partikolari, ġieli jsir riferenza għall-piż, jew għall-ammont fi flus li dak li jkun irid jixtri, jew anke xi drabi ssir riferenza iżjed elaborata, bħal riferenza għal fniek, jew fliexken, karti jew

---

[16] Enfasi sta' din il-Qorti.

simili. Il-fatt li kien hemm uħud mill-messaġġi misjuba li kienu in kodiċi simili għal dak imsemmi iżjed il-fuq mibgħuta lil xi ħadd bl-isem ta' 'Rod' 'Ro' 'rodrik' jew 'Rodrick' jew 'Fiona' kompla saħħaħ il-konvinzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li kien hemm rabta bejn l-appellant, id-droga misjuba u l-pussess mhux għall-użu esklussiv tagħha da parti tiegħu. Għalkemm mis-Social Inquiry Report imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia jirriżulta kif l-appellant kien jabbuża mid-droga heroina sa minn eta' żgħira u li waqaf biss meta bdew dawn il-proċeduri kontra tiegħu, ma jistax jingħad li 181.55 gramma heroina kienu intiżi biss u esklussivament għall-użu personali. Fattur indikattiv ta' dan huwa wkoll il-fatt li l-ammont li għalih persuna tista' titqies għall-fini għall-applikazzjoni tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tagħha ġie maqbuż b'81.55 gramma f'dan il-każ.

70. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li l-kwadru probatorju ppreżentat mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ, għalkemm kien jikkonsisti prinċipalment f'diversi indizji li meqjusin flimkien setgħu legalment u raġonevolment jitqiesu li sawru evidenza ċirkostanzjali li fuqha setgħet tissawwar il-ħtija tal-imputat appellant għar-reat ta' pussess aggravat tad-droga heroina misjuba f'dan il-każ.

71. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant f'dan is-sens qiegħed jiġi miċħud.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

72. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when

taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."

Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

73. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

74. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-

emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal- piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
a. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

75. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

76. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li l-piena ta' għoxrin xahar priġunerija effettiva piu' il-multa ta' Ewro 3,500 hija piena li tinkwadra ruħa fil-parametri preskritti mil-Liġi u jidher li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħadet diversi fatturi in kunsiderazzjoni hija u teroga l-imsemmija piena, fosthom fatturi li jimmiltaw favur l-għoti ta' piena li ma kienetx daqshekk ħarxa.

77. Biss, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li r-reat ta' pussess aggravat ta' droga erojina huwa wieħed serju u bħala tali allura dan irid jiġi rifless fil-piena, liema piena la kienet manifestament eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju u lanqas ma kienet legalment skorretta.

78. F'paġna 231 tal-atti proċesswali nonche' f'paġna 22 tas-sentenza, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jidher li kkunsidrat il-fattur tat-trapass taż-żmien minħabba li l-proċeduri kienu ilhom li bdew mis-sena 2009 u kien hemm xi dewmien matul il-kors tal-proċeduri quddiemha li ma kinux imputabbli għall-imputat jew għad-difiża tiegħu.

79. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset ukoll li l-aħħar reati li dwarhom l-imputat qua appellant kien instab ħati kienu jirrisalu għas-sena 2010 u li għalhekk ma kienx jidher li minn dakinhar huwa kien reġa' xellef difrejn mal-ġustizzja.

80. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tarax lok li hemm bażi sabiex tiġi ddisturbata d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan ir-rigward.

# DECIDE

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**